MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1498/2005

**GasanMamo Insurance Limited C - 3143**

**Vs**

1. **Pierre Cutajar**
2. **Justin Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Lulju 2005,fejn gie premess illi l-konvenuti huma debituri in solidum tas-socjeta` attrici fis-somma ta' disa mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm922.65) liema somma s-socjeta` attrici kellha thallas lill Montaldo Insurance Agency Limited u Wilfred Spiteri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta in segwitu tas-sentenza li inghatat mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Talba Nru. 480/2004 JB) fl-ismijiet *Montaldo Insurance Agency*

*Limited et vs Justin Camilleri* – deciza fit-22 ta' Marzu 2005, u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt il-kawza.

Din is-somma ta' LM922.65 kellha tithallas mis-socjeta` attrici a tenur tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta, nonostante l-fatt illi Justin Camilleri ma' kienx kopert bil-Polza ta' Assikurazzjoni rilaxxat mis-socjeta` attrici fuq il-vettura numru BUZ 077 propjieta ta' Pierre Cutajar billi l-istess Justin Camilleri meta saq din il-vettura u kien involut f'incident tat-traffiku fis-17 ta' Mejju 2003, liema incident kien il-mertu tal-kawza fuq imsemmija, kellu biss 21 sena, meta l-polza kienet tkopri biss sewwieqa l-fuq minn 25 sena.

Illi Justin Camilleri saq il-vettura numru BUZ 077 bil-kunsens ta' Pierre Cutajar, sid il-vettura u l-Policy Holder u ghalhekk it-tnejn huma in solidum responsabbli li jhallsu lura l-ammont li kella thallas is-socjeta` attrici assikuratrici liema somma ghalkemm interpellati biex ihallsu lura ma' hallsux u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, komprisi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' ittra ufficcjali datata 23 ta' Mejju 2005 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** ta' Pierre Cutajar ta' l-4 ta' Ottubru 2005, fejn gie eccepit (1) illi t-talba attrici ghandha tigi michuda fil-konfront tal-konvenut Pierre Cutajar stante li ma kellux x'jaqsam mal-incident in kwistjoni, (2) illi huwa ma ta l-ebda kunsens sabiex tinstaq il-vettura indikata fit-talba, (3) illi s-sentenza indikata ma kienitx kontra tieghu, (4) illi hu ma kellu l-ebda tort fl-incident in kwistjoni. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-**Risposta** ta' Justin Camilleri wkoll ta' l-4 ta' Ottubru 2005, fejn gie eccepit (1) illi huwa ma kienx kopert bil-Polza ta' Assikurazzjoni u ghalhekk ma kellu jithallas l-ebda ammont ghan-nom tieghu, (2) illi huwa ma kellux il-kunsens tal-konvenut Pierre Cutajar biex isuq l-imsemmija vettura u(3) illi dan it-Tribunal ghandu jissoprassjedi milli jisma` l-kawza stante li l-konvenut ser jipprezenta kawza

stante li s-sentenza kontra tieghu indikata fit-talba hija nulla. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni ;

**Ikkunsidra** :

Illi s-socjeta` attrici qed titlob ir-risarciment tas-somma ta' disa` mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm922.65) minnha gia mhallsa in segwitu ghal kawza deciza minn dan it-Tribunal diversament presedut, u dan a tenur tal-Kap 104.

Illi mix-xhieda ta' Albert Portelli (5.10.05) Assistent Registratur tal-Qrati kien jirrizulta illi l-kawza 480/04JB kellha sentenza definittiva.

David Debono (5.10.05), Claims Manager ma' Montaldo Insurance Agency Ltd jghid illi Wilfred Spiteri kien assikurat taghha, b'polza comprehensive u thallas s-somma ta' seba` mija u tlieta u disghin Liri Maltin (Lm793), filwaqt illi Gasan Insurance rrimbursawhom fis-somma ta' seba` mija u wiehed u sebghin Liri Maltin (Lm771.51) oltre` l-ispejjes legali.

Jghid illi bejn sorte u spejjes, Gasan Insurance hallsu disa` mija u tmien Liri Maltin u zewg centezmi (Lm908.02). Jispjega illi l-kawza kienet infethet kontra Justin Camilleri u kienu notifikati biha Gasan Mamo Insurance. Jghid wkoll illi mill-*Police Report* Justin Camilleri kien is-sewwieq filwaqt illi sid il-vettura kien Pierre Cutajar.

Hubert Said (9.11.05) – Claims Supervisor tas-socjeta` attrici ighid illi fid-data ta' l-incident, Pierre Cutajar kien il-*policy holder* filwaqt illi Justin Camilleri kien is-sewwieq. Jispjega illi skond il-polza, kull driver kellu jkun ta' almenu 25 sena – imma Justin Camilleri kellu biss 21 sena.

Jghid illi l-konvenuti qatt ma fethu *claim* maghhom, u jikkonferma illi wara li Justin Camilleri tilef il-kawza li ma kkontestax, s-socjeta` attrici hallset seba` mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm771.51) sorte u mija u sitta` u tletin Liri Maltin (Lm136) spejjes.

Ikkunsidra illi l-konvenuti ma ressqu ebda provi u anke abbandunaw l-kawza taghhom tant illi fis-seduta tat-18 ta' April 2007, it-Tribunal nnota illi dik kienet it-tielet seduta li fiha l-konvenuti ma dehrux u anqas tressqu provi, b'dan illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Fin-nuqqas ta' provi in sostenn tal-eccezzjonijiet mressqa lill-konvenut, it-Tribunal ma jistghax ma jghaddix ghalhekk biex jakkolja t-talbiet attrici, liema talbiet attrici huma ampjament ippruvati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa` t-talba attrici, u jikkundanna lill-istess konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa` mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm922.65).

Bl-ispejjes kif mitluba u bl-imghax mit-23 ta' Mejju 2005 kontra l-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------